# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 27

Il-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Peter Buontempo u Vince Farrugia. Fis-5.40 pm attenda l-Kunsillier Azzopardi.

Il-Kunsillier Borg infurmat li kienet indisposta filwaqt li l-Kunsillier Camenzuli nforma li kien ser ikun imsiefer.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret nhar il-Hamis, 12 ta' Ottubru, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

### Latrini Pubblici

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ftuh tal-latrina pubblika ta' Triq id-Dejqa kien ser ikun fl-ahhar gimgha ta' Jannar. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-Vodafone kienu se jiffinanzjaw installazzjonijiet ta' l-artist Norbert Attard u li se jigu esebiti fil-latrina pubblika.

### Kunsilli Parrokjali

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsilli Parrokjali ser jorganizzaw harga ghall-anzjani ghac-cirklu.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva ittra mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ilment li rcieva dwar il-Mozzjoni Nru. VI/23-1. Kien hemm qbil li din hija konferma tal-mozzjoni kif mressqa mill-Vici Sindku;

- Tressqu kopja tal-minuti tal-VAF fejn jikkonfermaw ir-rapprezentanza tal-Kunsill fl-istess VAF mill-Kunsillier Peter Buontempo;

- Dwar ittra mill-ADT dwar u-bars fi Triq Santa Lucija bejn Triq Zekka u Triq l-Ifran, il-Kunsill qabel li dawn kienu saru bi ftehim ma' l-ADT;

- Dwar talba mill-ADT biex isiru double-yellow lines ghal taht il-Barrakka ta' Fuq, il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandha tigi solvuta l-problema tal-bollard fi Triq Sant'Ursola k/m Pjazza Kastilja;

- Dwar it-talba minn City Theatre ghal Keep Clear quddiem it-Teatru, il-Kunsill irreveda d-decizjoni tieghu u qabel illi waqt l-*events* fit-Teatru jinhargu tabelli sabiex il-bay issir Keep Clear;

- Il-Kunsill qabel ukoll li jitnehhew ir-reserved parking bays tal-Lands Registry minn Triq il-Punent;

- Il-Kunsill qabel li jiffirma ftehim ta' kollaborazzjoni ma' Green Dot Malta Ltd dwar diversi inizjattivi fuq is-separazzjoni ta' l-iskart. Dan il-ftehim huwa ghall-perjodu ta' sena;

- Il-Kunsill gie nfurmat li inghata €10,000 mill-Fond dwar l-Inizjattivi ghall-Attivitajiet (Memo 42/2009) kif ukoll €20,000 mill-Fondi ghall-Progetti Specjali

(Memo 48/2009) liema applikazzjoni kienet saret ghall-implimentazzjoni tal-Marketing Plan.

F'dan l-istadju wasal il-Kunsillier Azzopardi

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Attivitajiet fil-Belt waqt zmien il-Milied***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bil-€5,000 li l-Kunsill inghata mill-Inizjattivi ghall-Attivitajiet kienu ser jizdiedu l-attivitajiet tal-Milied li qed jigu organizzati flimkien mal-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti. Flimkien ma' dan tqieghdet f'Misrah il-Helsien Sigra tal-Milied li giet moghtija minn Vjenna.

***Karnival***

Dwar il-karnival, is-Sindku ppropona li ssir laqgha ma' l-MCCA.

***Inawgurazzjoni ta' Pjazza San Gorg***

Is-Sindku nfoma lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni ta' Pjazza San Gorg ser issir fl-ewwel gimgha ta' Dicembru u wara ser ikun hemm gimgha shiha ta' attivitajiet fil-Pjazza organizzati mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

***Hin ta' l-ufficcju***

Il-Kunsill gie nfurmat li kien inbidel ftit il-hin ta' l-ufficcju filghodu. Il-hin tal-ftuh ta' l-ufficcju filghodu sar mit-8.30 – 12.30 u f'dan il-hin jigu offruti s-servizzi kollha.

***Bankini u pavimentar fil-Belt***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghal xoghlijiet fuq bankini u pavimentar iehor kien sar qbil mal-VRP li l-materjal ser jigi provdut mill-VRP u l-Kunsill johrog l-ispiza ghat-tqeghid tal-materjal. Ghalhekk il-Kunsill irid johrog sejha ghat-tqeghid tal-materjal.

***Chinese Spring Festival***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-festival li jigi organizzat mic-Centru Kulturali Ciniz bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, ser jerga' jsir fi Frar.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**TMIEM**

Fis-6.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku